MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 531/2013

**Evan AGIUS [ID 76676M] bhala l-persuna li tiggestixxi n-negozju bl-isem IV CELLARS**

**Vs**

**APHRODITE LIMITED [C-37308] u b'digriet datat 24 ta' Jannar, 2014 giet ikkonfermata l-kjamat fil-kawza ta' Andrew PACE**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-17 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn mitejn hamsa u erbghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€2,245.06c] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi s-socjeta intimata hija debitrici tar-rikorrent fl-ammont ta' elfejn mitejn u hamsa u erbghin euro u sitt ċenteżmi (€2,245.06c) rappreżentanti l-prezz ta' diversi konsenji ta'

xorb lilha mibjugha u kkonsenjati fil-fond minnha gestit bl-isem Salvino's Restuarant, u dan bejn l-erbatax (14) ta' Novembru 2012 u t-tnax (12) ta' Jannar 2013 (fattura relattiva annessa u mmarkata bhala Dok. A).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont minnha dovut skond kif hawn indikat, anke permezz tal-ittra uffiċjali numru 2066/13 tal-10 ta' Lulju, 2013 (Dok. B), is-socjeta intimata baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, fejn it-Tribunal qieghed jintalab bir-rispett sabiex jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent l-ammont ta' elfejn mitejn u hamsa u erbghin euro u sitt ċenteżmi (€2,245.06c) ghar-ragunijiet hawn spjegati.

Bl-ispejjez inkluż tal-ittra uffiċjali numru 2066/13 u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata minnha mressqa fil-11 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi s-socjeta konvenuta ma hijiex responsabbli ghall-hlas pretiz mill-attur.

Illi l-persuna responsabbli hija Andrew Pace ta' Victoria, 113, John Borg Street, Birkirkara li tieghu qed tintalab il-kjamata fil-kawza.

Salv eċċezzjonijiet ohra"

Ra **r-risposta tal-kjamat fil-kawza Andrew Pace minnu mressqa fis-26 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-esponenti m'huwiex leġittimu kontradittur u ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu kien impjegat tas-socjeta Aphrodite Limited li kienet tiggestixxi

n-negozju “Salvino’s” u dejjem aġixxa f’isem l-istess soċjetà.

2. Illi subordinatament u minghajr preġudizzju ghall-premess, illi t-talba attriċi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri”

Ra l-verbal tas-6 ta’ Frar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta’ €2,245.06 minghand s-socjeta intimata in konnessjoni ma konsenja ta’ xorb lilha mibjugha u kkonsenjata. Is-socjeta intimata qalet li hija ma hijiex responsabbli ghall-hlas pretiz mir-rikorrenti u li l-persuna responsabbli ghal hlas huwa l-kjamat fil-kawza. Il-kjamat fil-kawza qal li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress li huwa kien impjegat tas-socjeta intimata li kienet tiggestixxi n-negozju Salvino’s u huwa dejjem aġixxa f’isem l-istess soċjetà. Ghalhekk, ikompli jghid il-kjamat fil-kawza t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidra;

2. Fis-27 ta’ Novembru, 2013 **xehed ir-rikorrenti** li qal li huwa jiġġestixxi n-negozju ta’ bejgh ta’ alkohol fost affarijiet ohra. Huwa qal li skond l-i*statement* datat 2 ta’ Lulju, 2013 s-socjeta intimata ghandha taghtih is-somma ta’ €2,245 u li sal-lum, huwa ghadu ma rceviex dan l-ammont. Qal li huwa kien ha konsenja ta’ xorb personalment fil-hanut bl-isem ta’ Salvino’s u ikkonsenjahom lil Andrew Pace. Zied ighid li “*kien hemm diversi konsenji ohra li jiena nkun ghamilt ta’ xorb lil*

*Salvino's f'okkazzjonijiet differenti u konna naghmlu zewg jew tlett konsenji fix-xahar bil-prodotti taghna lil dan l-istabbiliment, ahna konna naghmluh anke meta kien hemm Andrew Pace jahdem hemmhekk*" (fol. 33-34).

Hafna mill-firem fuq id-delivery orders, jkompli jghid ir-rikorrenti, huma tal-kjamat in kawża Andrew Pace u dan peress li huwa kien ikun qieghed fil-hanut prezenti meta ssir id-delivery. Il-kumplament tal-firem kienu tal-waiter li kien ikun fil-hanut. Mistoqsi r-raguni l-ghala huwa pproceda kontra s-socjeta intimata u mhux kontra l-kjamat fil-kawza, r-rikorrenti qal li "*l-VAT number li ghandi huwa ta' Aphrodite u allura ghamilt il-kawza kontrihom. Il-konsenji l-ohra li ghandi huma kollha fuq Aphrodite. Andrew Pace qalli illi l-hanut Salvino's huwa gestit mis-Socjeta' Aphrodite Limited. Jiena qatt ma hadt xi cekk jew flus personalment minghand Andrew Pace ghal konsenji precedenti. Jiena kont inbiegh lil Salvino's Restaurant*" (fol. 34). Qal li "*jiena wkoll kont ikkommunikajt ma' Francis Sullivan li pero' kien qalli li l-oggetti li kont bghet jiena lil Salvino's kienu gew ikkonsmati jew mehudin minn Andrew Pace u allura kellu jaghmel tajjeb Andrew Pace u dan wara li Francis Sullivan kien qalli li kulhadd kien ser jithallas imbaghad bdejt il-proceduri*" (fol. 34).

Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa qatx gie avzat mill-kjamat fil-kawza Andrew Pace li l-*cash sale invoice* kienet qeghda tohrog zbaljata l-ghaliex qeghda fuq ismu ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Ghar-rigward tan-numru tal-VAT u li jinsab fuq il-fatturi mahruga mir-rikorrenti, huwa qal li dan in-numru inghata lilu mill-kjamat fil-kawza minn fuq il-cash register li kien hemm fil-hanut stess. L-istess haġa ghar-rigward ta-isem Aphrodite Limited. Dan inghata lir-rikorrenti mill-kjamat fil-kawza. Ir-rikorrenti qal li huwa kien jaf lil kjamat fil-kawza mill-hanut Salvino's.

In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li huwa ma kienx jaf lil Francis Sullivan, direttur tas-socjeta intimata personalment u kull ma ltaqa mieghu kienet f'okkazzjoni ta' darba meta dan ta' l-ahhar kien qieghed jiekol fir-restuarant. Qal ukoll li l-kjamat fil-kawza Andrew Pace kien imexxi ir-*restuarant* Salvino's. Ghar-rigward tal-

ordnijiet, ir-rikorrenti qal li dawn dejjem kienu jsiru minn Andrew Pace li kien ic-Chef u kien imexxi r-*restaurant*.

Fl-24 ta’ Jannar, 2014 ir-rikorrenti iċċara illi meta huwa qal fis-seduta tas-27 ta’ Novembru, 2013 “*Jiena kont inbiegh lil Salvinos Restaurant. Gieli thallast cash ghal konsenji li kont naghmel u gieli thallast minn cekk bl-isem ta` Salvinos Restaurant ….korrezjoni ….ic-cekk ikun pagabbli lil Salvinos Restaurant imbaghad jigi ‘endorsed’ minn wara u jiena nkun nista mmur insarfu*” (fol. 34) ried ighid li “*kien hemm cekk wiehed biss li rcevejt b`dan il-mod u ma kienx intestat lil Salvinos Restaurant izda lil Andrew Pace. Kif diga ghidt kienet okkazjoni ta` darba*” (fol.40).

3. **Francis Sullivan,** rappreżentant tas-socjeta intimata xehed fis-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2014 u beda biex qal li huwa d-direttur uniku tas-socjeta intimata. Kompla biex qal li lir-rikorrenti jafu l-ghaliex huwa kien jaghmel xi *deliveries* ghalkemm huwa qatt ma kien ghamel xi negozju mieghu. B’referenza ghall-kjamat fil-kawza, huwa qal li dan kien ic-chef tal-hanut u kien jiehu hsieb l-istess hanut. Qal li l-kjamat fil-kawza kien impjegat tas-socjeta intimata u li kien tah struzzjonijiet sabiex meta jixtri, jixtri wahda b’lura. “*Dan ifisser*” kompla ighid ir-rapprezentant tas-socjeta intimata “*illi llum jaghmel ordni, jehodha u jirceviha, mbaghad meta jerga jaghmel it-tieni ordni jhallas tal-ewwel ordni*” (fol. 42). Qal ukoll li huwa ma ffirma l-ebda dokumentazzjoni li turi li huwa irċieva xi merkanzija minghand ir-rikorrenti. Zied ighid li f’Jannar, 2013 il-kjamat fil-kawza waqaf jahdem mas-socjeta intimata u meta telaq ma kienx hemm hand over. Sab biss file gol-*fidge* ta’ l-inbejjed. F’dan il-*file* kien hemm il-kontijiet tal-inbejjed li huwa ma kien jaf xejn dwarhom. Wara li l-kjamat fil-kawza ma baqax jahdem mas-socjeta intimata, l-istess soċjetà kienet irċeviet statement dwar ikel minghand Cassar and Schembri. Il-kjamat fil-kawza qallu li dak il-kont kien jappartjeni lilu u li kien ser ihallsu hu.

In sostenn ta’ din l-istqarrija, r-rapprezentant tas-socjeta intimata esebixxa kopja ta` e-mail bl-i*statement* in kwistjoni (fol. 48-49) li ntbaghtet lilu minn Cassar and

Schembri fis-6 ta` Frar, 2013 fejn inghad hekk: "*Dear Mr Sullivan, as per our earlier conversation earlier today, please note that the statement sent to you amounting to euro four nine three eight point five one (€4938.51) covering the period from January till December two zero one two (2012) is not to be settled from your behalf. This statement was of the previous retailer. Our accounts staff has been informed of this issue as well so that this statement will no longer be posted to your address. Please accept our apology regarding this matter*" (fol. 48).

Ix-xhud qal li "*jiena li mhux qed naqbel huwa li huwa kien jixtri l-affarijiet fuq isem is-Socjeta' ntimata, juzahom ghalih u ma jhallashomx*" (fol. 44). Esebixxa ukoll '*new client form*' tal-Master Group (fol. 51) fejn il-kjamat fil-kawza indika lilu nnifsu bhala direttur tas-socjeta' intimata. Dan id-dokument gie esebiet biex isahhah l-argument tieghu li l-kjamat fil-kawza kien jaghti x'jifhem lil terzi li huwa kien direttur tas-socjeta intimata meta fir-rejalta kull ma kien kien impjegat.

Ghar-rigward tat-talba maghmula mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri, r-rapprezentant tas-socjeta intimata qal li "*ma ghandi x'naqsam xejn ma dan id-dejn, l-unika persuna responsabbli hija Andrew Pace. Jiena kien ghad fadalli tnejn u tletin (32) flixkun inbid fil-fridge minn dak li xtara, mill-inbejjed li xtara diversi nies inkluz ir-rikorrenti. Hemm tlettax (13) il-persuna li ghandhom jiehdu flejjes tul il-perjodu li kien qieghed jiggestixxi Andrew Pace. X`ghamel u x`ma ghamilx bil-prodotti l-ohra Andrew Pace li kien biegh u jekk hallasx kontijiet jew le jiena ma nafx*" (fol. 44). Qal li meta jinbiegh flixkun inbid go restaurant dak li jkun jaqla' xi flus mhux jitlef kif gara fil-kas odjern. Qal li huwa ma kienx jaf li meta spiċċa l-kjamat fil-kawza kien halla dawk il-kontijiet kollha warajh.

In kontro-ezami, huwa qal li r-restaurant bl-isem ta' Salvino's ilu fil-pussess tieghu sa mis-sena 2007. Il-kjamat fil-kawza dahal jahdem mieghu f'Lulju, 2009. Il-prattika, ikompli jghid ir-rapprezentant tas-socjeta intimata, minn dejjem kienet li min kien jiġġestixxi l-hanut "*kienu jixtru u*

*jhallsu*" (fol. 45) u "*l-istess haga kellu jaghmel Andew Pace jixtri imbaghad ihallas*" (fol. 45).

Mistoqsi jekk kienx jaghmel rikonciljazzjoni tan-negozju li kien qieghed isir fil-perjodu li kien jiggestixxi l-kjamat fil-kawza x-xhud qal li "*jiena ghandi accountant u awditur u qatt ma rcevejt  xi kumment minghandhom li kien hemm, kien hemm xi haga mhux f`posta*" (fol. 45). Zied ighid li dawn kienu jghidulu li l-post qieghed jitlef. Meta dawn kienu jghidulu li l-post kien qieghed jitlef huwa fehem li l-post kien qieghed jitlef il-ghaliex ma kienux qeghdin jmorru n-nies u "*mhux li kienu qeghdin imorru n-nies u jhallsuh b`cekk fuq ismu u jhallas hu biegh u lili ma jaddili xejn*" (fol. 45). Ghar-rigward tal-fatturi li kienu nstabu fil-fridge ta' l-inbid meta l-kjamat fil-kawza ma baqax jahdem mas-socjeta intimata – li uhud minnhom kienu jirrisalu ghas-sena 2011 – ix-xhud qal li dawn ma kienux gew mghoddija ghand l-accountant.

Mistoqsi jekk l-awdituri kienux gibdulu l-attenzjoni ghal fatt li kien qed jinxtara hafna aktar affarijiet milli kien qieghed jinbiegh ix-xhud qal li "*jiena ma nahsibx li l-awdituri ser joqghodu jmorru jfittxu l-invoices fil-fridge kif sibt jien*" (fol. 45). Kompla jghid li meta sab dawn il-fatturi fl-imsemmija *fridge* huwa sar jaf li "*r-rikorrenti kien qieghed jithallas mhux fid-data tal-konsenja l-ohra li jkun tah izda bi tlett (3) xhur b'lura*". Mistoqsi jekk huwa kellhux xi dokument jew xi haga li tindika li l-kjamat fil-kawza kien ta x`jifhem lir-rikorrenti li huwa kien direttur tas-socjeta' ntimata x-xhud wieġeb fin-negattiv.

Ghar-rigward tad-dokument li gie mmarkat bhala FS 2 (fol. 51) ix-xhud qal li huwa qieghed jaghraf li fuq dan id-dokument hemm żewġ firem tieghu. Hemm ukoll in-numru tal-VAT tas-socjeta intimata fuq dan id-dokument. Qal li huwa kellu d-dubju li l-flejjes kollha li kien qed idahhal il-kjamat fil-kawza kienu qeghdin jaslu ghand is-socjeta intimata. Zied ighid li "*l-hlasijiet kienu jsiru jew in kontanti jew inkella b`cekkijiet fuq ismu personalment*" (fol. 46).

Ix-xhud qal ukoll li "*l-kjamat fil-kawza kien jaghtini fatturi regolarment u jiena mbaghad kont nghaddihom lil awditur*

*pero' kif diga ghidt kien jaghtini li jfettillu jaghtini mhux kollha*" (fol. 46). Qabel mal-fatt li "*gieli kien hemm fatturi li jiena ghaddejt lil awditur tieghi li kienu jirrigwardjaw lil dawn ir-rikorrenti odjerni*" (fol. 47). Ghalaq billi qal li "*l-fatturi l-ohra kollha li jiena kont nghaddi lil awditur wara li jkun sar il-hlas kienu kollha bhal fatturi li jintbaghtu jew li gew esebiti issa a fol 16 et sek mir-rikorrenti*" (fol. 47).

4. **Il-kjamat fil-kawza** xehed fis-6 ta' Frar, 2014. Beda biex qal li huwa kien impjegat bhala Chef mas-socjeta' ntimata li hija l-operatur tal-restaurant Salvinos. Qal li huwa beda jahdem mas-socjeta' ntimata mill-1 ta` Awwissu, 2008 u temm il-hidma tieghu maghha fil-31 ta` Jannar, 2013.

Ghal bidu li beda jahdem mas-socjeta intimata, kien hemm impjegata bl-isem ta' Moira li kienet tahdem fil-hanut u li kienet tiehu hsieb certu affarijiet fil-hanut. Meta spiccat l-impjieg taghha hi, jkompli jghid il-kjamat fil-kawza, spiċċa jiehu hsieb ix-xoghol li kienet taghmel hi u cioe "*niftah, naghlaq ir-restaurant, naghmel dak kollu li kien ikun hemm bzonn biex in-negozju jitmexxa, naghmel l-ordnijiet minn kollox*" (fol. 55).

Ghar-rigward tal-kundizzjonijiet ta' impjieg tieghu, l-kjamat fil-kawza jghid li apparti l-paga li hemm indikata fid-dokument li gie mmarkat bhala AP3 (fol. 62) huwa kien ftiehem ukoll illi jircievi l-ammont ta` ghaxra fil-mija (10%) tas-*sales* kollha tal-hanut. Qal li l-hanut Salvinos Restaurant kellu reputazzjoni hazina meta huwa beda l-impjieg tieghu mas-socjeta intimata u li hadem lejl u nhar sabiex jibni din ir-reputazzjoni mill-gdid. Zied ighid li l-hanut ma huwiex kbir u allura n-numru tal-klijent kien limitat u b'hekk il-bejgh dejjem kien ikun wiehed stabbli. Kien hemm imbaghad numru ta' staff li kienu mehtiega biex jitmexxa l-hanut u allura kien hemm l-ispejjez.

Xehed li r-rapprezentant tas-socjeta intimata dejjem kien jghidlu li mill-hanut ma kienx qed isir qliegh. Qal ukoll li minkejja li kien hemm ftehim mas-socjeta intimata li huwa kellhu jirċievi ghaxra fil-mija (10%) tal-bejgh li kien isir,

huwa baqa qatt ma rċieva dan l-ammont. Kull ma rċieva kienet il-paga biss u xejn iktar.

Meta kien jaghmel l-ordnijiet ghal hanut, il-procedura li kienet tintuża kienet li huwa jaghmel l-ordni imbaghad din il-fattura tmur l-ufficcju u tithallas mis-socjeta intimata. Qal li "*wara xi disgwid li kien inqala' peress li kien hemm xi suppliers li ma kienux qeghdin jithallsu fil-hin Mr Sullivan kien iddecieda li jithallas kullhadd u li l-affarijiet tal-ikel jibdew jinxtraw bi flus kontanti*" (fol. 55). Kompla jghid li wara perjodu qasir kien hemm persuna li kienet sejra tipparteċipa fin-negozju u kienu waslu ghad-decizjoni li l-inbid kien l-uniku haga li jibqa jinxtara bi kreditu. Stqarr però li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn huwa kien ihallas xi fattura jew tnejn bi flus kontanti. Dawn il-fatturi imbaghad huwa kien jaghmilhom go *file* sabiex id-direttur tas-socjeta intimata jkun jista jezaminhom.

Il-kjamat fil-kawza stqarr ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien jaf bil-fatturi kollha u dan peress li hu kien talabhomlu l-ghaliex kellhom bzonnhom l-awdituri tieghu. Di fatti, jkompli jghid il-kjamat fil-kawza, fl-ahhar tlett xhur li huwa ghamel jahdem fil-hanut Salvino's hadd mis-*suppliers* ma kien thallas il-ghaliex huwa ma kellux il-*file* bil-fatturi fihom u dan peress li dawn kienu ghand id-direttur tas-socjeta intimata. Fost dawn il-fatturi li kienu qeghdin ghandu, kien hemm ukoll dawk tar-rikorrenti.

Ghar-rigward tal-fatturi li hemm esebiti fil-process a fol. 16 sa fol. 26, il-kjamat fil-kawza qal li dawn huma fatturi tal-affarijiet li kienu gew delivered lil hanut Salvinos. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq uhud minn dawn il-fatturi kif ukoll il-firem tal-impjegati l-ohra li kien hemm f`dan il-hanut. Il-kjamat fil-kawza indika ukoll li l-ahhar fattura (fol. 26) hija dwar imbejjed Portugizi u li d-direttur tas-socjeta intimata kien jaf biha l-ghaliex kien sar *event* fil-hanut (l-ahhar event li kienet saret) u li dawn l-inbejjed kienu gew ordnati ghal din l-event. Il-kjamat fil-kawza jghid li l-fatturi li kien johrog ir-rikorrenti dejjem thallsu mis-socjeta intimata hlief dawk in kwistjoni.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa qatx kien ġibed l-attenzjoni tar-rikorrenti ghal fatt illi fejn Salvinos hemm miktub (Mr Andrew Pace) fuq il-fatturi li hemm esebita minn fol 16 sa fol 26 tal-process huwa qal li "*jiena kont nara ismi hemmhekk u kont inqisu bhala l-contact person. Im-numru tac-cellulari tieghi huwa l-istess wiehed bhal ma hemm fuq il-fatturi msemmija*" (fol. 56). B'referenza ghad-dokument li hemm esebit a fol. 51 (dok. FS2) u fuq mistoqsija tat-Tribunal kif jispjega l-fatt illi fejn ismu hemm il-kliem "*Directors Name*" huwa qal li "*din riedet tigi contact person*" (fol. 56).

In kontro-ezami, l-kjamat fil-kawza qal li l-ftehim li huwa kellhu mas-socjeta intimata kien paga u *commission*. Dwar il-*commission* huwa qal li kellha tithallas hekk kif beda jahdem. Fuq il-kwistjoni tal-*commission* l-kjamat fil-kawza qal li huwa talabha f'zewg okkazzjonijiet lis-socjeta intimata. Fit-tieni okkazzjoni li huwa talab din il-*commission* minghand is-socjeta intimata, "*r-reazzjoni ta' Mr Sullivan kienet ta' rabja*" (fol. 57). Minkejja li qatt ma rċieva *commission* huwa baqa jahdem fir-*restaurant* u dan peress li huwa hadem hafna biex ir-*restaurant* wasal fejn wasal u qatt ma ried jarmi dak ix-xoghol kollu ghalxejn.

Meta gie mistoqsi jekk huwa kienx organizza xi funzjonijiet ohra apparti x-xoghol li kien jaghmel f'Salvinos Restaurant, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv. Dwar il-paga huwa qal li din dejjem kienet tasal tard. B'referenza ghall-dawn l-attivitajiet li kien jaghmel, il-kjamat fil-kawza qal li huwa kien xtara xi affarijiet ta' l-ikel minghand Cassar and Schembri, ghal liema affarijiet huwa hallas ghalihom personalment. Mistoqsi fuq dan il-punt, il-kjamat fil-kawza qal li huwa jaqbel ma dak li kien qieghed jiġi suggerit lilu li huwa kien aċċetta illi jhallas id-debiti li kien hemm ma' Cassar and Schembri u dan peress illi dawn l-affarijiet kienu ntuzaw minnu f' dawn l-attivitajiet li kien ghadu kif semma. Il-kjamat in kawża qal li "*din l-iskuza u cioe' meta jiena hallast lil Cassar and Schembri qeghda tintuza wkoll ghal din il-kawza u dan peress illi s-Sur Sullivan jinsab fi problemi finanzjarji kbar u dan fis-sens illi l-kumpanija ntimata u s-Sur Sullivan personalment kellhom problemi finanzjarji*" (fol. 57).

Mistoqsi jekk kienx hemm xi supplier iehor li kien qieghed ifittxu personalment ghal prodotti li nxtraw waqt li huwa kien fil-hanut Salvino's, l-kjamat fil-kawza qal li "*qed ifitxxu lili l-ghaliex dak kollu li qalilhom Mr Sullivan galhom ifittxu lili*".

Mistoqsi jekk huwa jafx li d-dejn kien tela' minn disat elef euro (€9000) ghall-erbatax-il elef euro (€14000) f'dak il-perjodu li ghamel il-*file* ghand id-direttur tas-socjeta intimata, l-kjamat fil-kawza qal li gara hekk l-ghaliex huwa ma kellux fatturi biex ihallas. Il-flus li kienu jidhlu mill-hanut huwa kien ihallas bihom il-prodotti ta' l-ikel u jhallas ċertu pagi li ma kienux dikjarati "*fosthom parti mill-paga tieghi*" (fol. 58) u jhallas *suppliers* tal-inbid ohra. Ghar-rigward tal-flus kontanti li kienu jinġabru mill-hanut, il-kjamat fil-kawza qal li dan kien wiehed mizeru hafna l-ghaliex il-pagamenti dejjem kienu jsiru bil-*credit cards*.

B'referenza ghac-cekk li kien inhareg u li kien gie iggirat minnu, l-kjamat fil-kawza qal li "*l-maggoranza tal-klijenti peress li kienu jaraw lili dejjem hemmhekk u kont niehu hsiebu b'mod perfett kien hemm xi klijent li ried ihallas b'cekk u qalulu lil minn irid ihallas u l-waiter jew il-waitress kienet qaltlu Andrew Pace. Ovjament la dahal hekk jiena hallast lil haddiehor b'dak ic-cekk*" (fol. 58). Qal li huwa ma kellhux x'jahbi minn dan il-fatt l-ghaliex kieku ried jahbi dan il-fatt huwa kien issarraf ic-cekk u ma kien ikun jaf hadd bih. B'dan ic-cekk, huwa hallas dejn tal-hanut.

Ghar-rigward tal-fatturi li hemm bejn fol 16 u fol 26 tal-process, huwa qal li dawn l-affarijiet kollha gew ikkonsenjati lir-restaurant Salvino's. Stqarr li huwa qatt ma ghamel ordnijiet personalment minghand ir-rikorrenti u li l-unika oggett li huwa qatt ikkonsma minghand ir-rikorrenti kien xi *sample* u xejn iżjed. Ghalaq billi qal li huwa "*qatt ma missejt flixkun inbid minn dawk li gew ordnati ghal xi skop personali tieghi. L-inbejjed li gew ordnati dejjem kienu ghall-Aphrodite Limited u ghal hadd iżjed*" (fol. 59).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Is-socjeta intimata tibda biex tghid li hija ma hijiex responsabbli ghall-hlas pretiz mir-rikorrenti u li l-persuna responsabbli ghad-dejn odjern huwa l-kjamat fil-kawza Andrew Pace. Da parti tieghu l-kjamat fil-kawza jghid li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa kien impjegat tas-socjeta intimata u dejjem aġixxa f'isem l-istess soċjetà.

6. Ma hemmx dubbju li l-kjamat fil-kawza kien impjegat mas-socjeta intimata u dan fil-perjodu li ghalihom jaghmlu referenza l-fatturi li hemm esebiti a fol. 16 sa 26. Is-socjeta intimata tipprova takkolla r-responsabbilta ghal dan id-debitu fuq l-impjegat taghha. In sostenn ta' dan l-istess soċjetà intimata ssostni li l-kjamat fil-kawza kien jaghti x'jifhem li l-hanut Salvino's kien tieghu u li anke pagamenti kienu jsiru fuq ismu. Gie esebit ukoll dokument fejn hemm il-kliem "*director name*" u isem il-kjamat in kawża hdejn dawn il-kliem (fol. 51). Ukoll, fil-fatturi rilaxxati mir-rikorrenti fejn l-isem Salvino's hemm isem il-kjamat fil-kawza. B'referenza ghal kaz fejn hemm il-kliem *director's name*, il-kjamat fil-kawza jghid li dawn il-kliem kellhom jaqraw "*contact person*", filwaqt li ghar-rigward tal-fatturi mahruga mir-rikorrenti, ismu kien jitniżżel fuq dawn l-istess fatturi l-ghaliex huwa kien il-persuna li kien imexxi dan il-hanut u allura ismu kien hemm bhala l-*contact person*. It-Tribunal, ma ghandux ghalfejn jiddubita min din l-ispjegazzjoni moghtija mill-kjamat fil-kawza u ma huwiex konvint mill-provi prodotti li l-kjamat in kawża huwa b'xi mod responsabbli ghad-debitu reklamat f'dawn il-proceduri. Irrizulta li l-kjamat fil-kawza kien jiehu hsieb jaghmel dak kollu neċessarju fil-hanut Salvino's. Kien jordna l-affarijiet mehtiega ghal dan il-hanut u kien jiehu hsieb ihallas lis-*suppliers* ghal affarijiet mixtrija bi flejjes li kienu jidhlu meta jinbieghu l-istess prodotti fil-hanut. Din kienet is-sistema li kienet tintuża tul il-perjodu kollu li huwa dam jahdem fl-imsemmi hanut bhala impjegat tas-socjeta intimata. Il-prodotti li inxtraw kienu kollha jintużaw fil-hanut u ma rrizultax ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li kien hemm

xi prodotti li ittiehdu mill-kjamat fil-kawza ghal uzu personali tieghu. L-uniku kaz li kien hemm kien dak ta' prodotti mixtrija minghand Cassar and Schembri u li taghhom hallas ghalihom personalment il-kjamat fil-kawza. Ghar-rigward tal-konsenja ta' l-inbejjed mir-rikorrenti, ma rrizultax li dawn intużaw personalment mill-kjamat fil-kawza. Ma hemm l-ebda prova ta' dan. Irrizulta ukoll li meta l-kjamat fil-kawza ma baqax impjegat tas-socjeta intimata kien ghad hemm xi fliexken ta' l-inbid li kienu nxtraw minghand ir-rikorrenti fil-hanut Salvino's. Ghalhekk il-kjamat fil-kawza ma huwiex responsabbli ghal dan id-dejn u konsegwentement it-Tribunal sejjer jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju l-ghaliex huwa ma kellhu x'jaqsam xejn ma' dan id-dejn hlief ghal fatt li huwa kien ordna dawn l-inbejjed ghan-nom tas-socjeta intimata. Hija s-socjeta ntimata li ghandha tirrispondi ghal dan id-dejn.

7. Fit-trattazzjoni tal-kaz issemmiet is-sentenza moghtija minn dan it-tribunal fl-ismijiet **Mirage Holdings Limited vs Charles Frendo ezercenti n-negozju bhala Moods** deciza fit-23 ta' Settembru, 2013 pero l-fatti ta' dak il-kaz ma humiex l-istess bhal ta dan il-kaz. F'dak il-kaz, is-socjeta rikorrenti kienet qeghda tghid li hija bl-ebda mod ma kienet taf li kienet qeghda tikkontratta mas-socjeta Flexiline Limited u li dejjem irrikonoxxiet lill-intimat bhala l-persuna li kienet qeghda taghmel in-negozju mieghu. L-intimat, f'dik il-kawza, qatt ma ġibed l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti li n-negozju kien qieghed isir f'isem is-socjeta Flexiline Limited u ghalhekk it-Tribunal sab li d-debitu hemm reklamat kien dovut fl-intier tieghu mill-istess intimat. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qatt ma rrikonoxxa lill-kjamat fil-kawza bhala l-persuna responsabbli ghad-debitu odjern iżda fittex lis-socjeta intimata l-ghaliex il-hanut Salvino's kien gestit mis-socjeta intimata u l-kjamat fil-kawza kien il-persuna li fiżikament kienet tiggestixxi n-negozju fil-hanut Salvino's ghan-nom tas-socjeta intimata. Ghalhekk, il-principji applikati f'dak il-kaz ma humiex applikabbli ghal kaz odjern.

8. Ghar-rigward tat-talba tar-rikorrenti u ghal ammont reklamat, ma jirriżultax li dan gie b'xi mod ikkontestat mis-

socjeta intimata u ghalhekk it-Tribunal jsib li l-ammont mitlub huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawza u jiddikjara li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza in vista ta' dak hawn fuq deċiż.

3. Jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata fir-risposta taghha in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż;

4. Jilqa t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' elfejn mitejn hamsa u erbghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€2,245.06c] u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn mitejn hamsa u erbghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€2,245.06c] bl-imghax legali fuq dan l-ammont jibda jiddekorri mid-data minn meta l-ammont kien dovut skond il-fatturi esebiti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------